*Diskors li kien għamel Dun Vinċenz Deguara, it-tielet Kappillan tal-Parroċċa. nhar il-5 ta' Jannar 1996 fl-akkademja li saret biex tfakkar is-sittin sena mit-twaqqif tal-Parroċċa San Sebastjan f'Ħal Qormi*

# IL-BINI TAL-KNISJA PARROKKJALI TA' SAN SEBASTJAN ~ QORMI

F'dan l-anniversarju tas-sittin sena mit-twaqqif tal-parroċċa ta' San Sebastjan ġejt mitlub naqsam magħkom xi tagħrif frott ta' l-esperjenza tiegħi f'din il-parroċċa.

Meta fl-1962 l-Arċisqof Gonzi qassmilna x-xogħol bħala qassisin ġodda, lili bgħatni viċi tal-kappillan Dun Ġużepp Cauchi f'din il-parroċċa. Minn dak iż-żmien bqajt b'ħidma diretta mal-parroċċa għal sitta u għoxrin sena, jiġifieri sal-11 ta' Settembru 1988 meta ġejt mibgħut is-seminarju.



L-ewwel Kappillan: Dun Alwiġ Psaila

It-tagħrif li għandi dwar din il-parroċċa tagħna ġej kemm mis-smiegħ ta' dak li qaluli u kemm minn dak li aħna lkoll għaddejna minnu, b'mod speċjali mill-1962 'l hawn.

It-twaqqif ta' din il-parroċċa ma kienx ħaġa ħafifa. Mhux biss minħabba dak li hu mitlub biex parroċċa tkun tassew parroċċa. Ma kien hawn kważi xejn lest biex il-ħajja parrokkjali tibda. Kien hawn biss kappillan, li kien barra mir-raħal u allura ma jaf lil ħadd. U dan kien waħdu, jiġifieri ma kellu l-ebda qassis biex jgħinu. Sentejn wara ġie mibgħut l-ewwel viċi, Dun Ġużepp Cauchi u fl-1940, jiġifieri erba' snin wara qaddes Dun Gejt Cassar, li twieled u kien joqgħod f'dawn l-inħawi.

L-ewwel preokkupazzjoni ta' Dun Alwig Psaila kienet il-knisja fejn in-nies jistgħu jaqdu d-dmir ta' qima lil Alla. Il-knisja ż-żgħira kienet verament żgħira, kif insejħulha, u għalhekk fittex isib biċċa art. Fi Frar 1940 beda t-tħaffir tal-għalqa.

Biex inżidu ma' din il-preokkupazzjoni faqqgħet il-gwerra, f'Ġunju 1940, u l-parroċċa żdiedet f'salt il-populazzjoni, għax ħafna refuġjati ġew joqogħdu hawn. Kien hawn ħaġa oħra li minħabba fiha l-parroċċa għaddiet minn tbatija li parroċċi oħra meta ġew imwaqqfa ma sofrewx minnha. Din kienet li mhux kulħadd fehem jew ħass il-ħtieġa li ssir parroċċa



Mons. Arċisqof Gonzi jbierek l-ewwel ġebla tal-Knisja fl-1946

oħra f'Ħal Qormi. Dawn it-talin mhux biss rawha żejda, iżda raw fiha kawża ta' firda bejn il-poplu ta' dan il-pajjiż. Nittama li l-Mulej Ġesù ppremja lil Dun Alwig Psaila fil-ħajja ta' dejjem għat-tbatija kbira li għadda minnha minħabba f'hekk.

Minflok li f'dan iż-żmien, il-poplu beda jgħix b'aktar faċilita l-ħajja tiegħu nisranija, nibtet fostu s-sikrana tal-firda u ta' stmerrija bejn xi wħud mill-membri taż-żewġ parroċċi. Ix-xitan ħassu rebbieħ u beda jsaltan kif jaf hu.

Fl-aħħar snin tal-parrokat ta' Dun Alwiġ inqalgħet kwistjoni oħra ta' firda. Din kienet dwar it-tmexxija tal-parroċċa, li ħolqot konsegwenzi li tefgħu lura l-parroċċa għażiża tagħna. Tħassret il-festa ta' barra u ġie miżmum il-bini tal-knisja.


It-tieni Kappillan: Dun Ġużepp Cauchi

Ftit wara, jiġifieri fil-31 ta' Ottubru 1957, il-kappilan Dun Alwiġ Psaila ġie maħtur Monsinjur u bħala kappillan l-Arċisqof għażel lil Dun Ġużepp Cauchi. B'din l-għażla l-Arċisqof ħaseb li l-parroċċa se tiġi għan-normal, iżda kellhom jgħaddu disa' snin oħra sabiex is-sitwazzjoni tfieq b'mod sħiħ.

Il-Kappillan Dun Ġużepp, minkejja kull diffikulta, ħadem bis-sħiħ biex dan iseħħ. Il-kripta li kienet ġiet imbierka fl-Lulju tal-1952, issa bdiet tiġi użata b'mod regolari. Il-festa reġgħet bdiet issir u l-bini tal-knisja tkompla b'ritmu tajjeb. Dan il-kappillan kien minn ta' l-ewwel li wettaq ir-riforma liturġika li ried il-Konċilju Vatikan II, billi ta' xejra ġdida lill-artal u lill-presbiterju kollu.

Dun Ġużepp miet nhar id-9 ta' Marzu 1969 bis-sodisfazzjon li l-parroċċa bdiet tikseb il-paċi mixtieqa u l-frott tagħha beda jidher għax wieħed minn ulied il-parroċċa li twieled u tgħammed fiha, ġie ordnat saċerdot. Qed ngħid għal Dun Ġino Mangion, li għalkemm miet wara sitt snin ta' ħidma fostna, hu ttamat li l-parroċċa baqgħet f'qalbu u qed jitlob għall-ħtiġijiet tagħha lil Alla li bħalissa qed igawdi.

Erbat ijiem fuq il-mewt ta' Dun Ġużepp. l-Arċisqof ħatar lili bħala t-tielet kappillan. Għalkemm ix-xogħol pastorali hu għal qalbi ħafna, ir-reponsabbilta tal-parroċċa bil-problema tal-bini tal-knisja beżżgħuni ferm.


It-Tberik tal-Kripta fl-20 ta' Lulju 1952



It-tielet Kappillan: Dun Vinċenz Deguara

Jidher li d-deċiżjoni ta' l-Arċisqof Gonzi ġiet milqgħuha tajjeb mill-parroċċa u kienet tinħass il-paċi fostna. Iżda milli jidher il-paċi vera nsibuha biss meta mmorru l-ġenna. Għax tliet xhur wara, jiġifieri f'Ġunju ta' l-istess sena, il-perit ta' dak iż-żmien, is-sur Arthur Zammit, għarrafni li kien hemm bżonn li tintradam il-kripta għax is-saqaf tagħha kien qed iċedi.

Hawn beda nkwiet ieħor għall-parroċċa. Il-bini tal-knisja għandu jitkompla jew le? Fl-aħħar instabet soluzzjoni. Il-knisja tista' tiġi msaħħa u wara titkompla. Iżda biex dan isir ma setax isir użu mill-kripta. Fit-13 ta' Diċembru 1970 bdejna nisimgħu l-quddies fis-sala ta' l-iskola tal-gvern.

Meta x-xogħol ta' tisħiħ tlesta l-kripta ġiet miftuħa mill-ġdid fit-28 ta' Ġunju 1972. L-Arċisqof Gonzi tana l-appoġġ sħiħ tiegħu billi kien jiġi jara b'għajnejh ix-xogħol li kien qed isir u biex jgħamlilna kuraġġ tana s-somma ta' Lm7000 għall-ispejjeż li kienu qed isiru. Meta s-sena tà' wara kien se jibda x-xogħol fil-knisja għolew f'salt il-prezzijiet b'mod li kellu jinbidel il-kuntratt. Intopp ieħor kien il-bini tal-koppla. Din setgħet issir bil-ħidma għaqlija tal-perit Italo Raniolo.

Fid-29 ta' Mejju 1982. wara ħafna qtiegħ ta' qalb il-Mulej Ġesù berikna billi tana l-grazzja li nidħlu fil-knisja li tant nies xtaqu jaraw mitmuma. Ngħid għalija, il-ftuħ tal-knisja u imbagħad l-konsagrazzjoni tagħha li saret fid-19 ta' Jannar 1986, kienu verament okkażżjonijiet ta' ferħ, li qatt ma nista' ninsa.

L-inkwiet tal-bini tal-knisja, li kien fi żmien li kont kappillan jien, kien inkwiet li jsewwidlek qalbek, iżda l-Mulej dejjem jirnexxilu joħroġ xi ħaġa tajba minn dak li jkun ikrah u ħażin. Chesterton, kittieb Ingliż, kien jgħid li l-Mulej jikteb dritt fuq linji mgħawġa. U hekk hu. Din it-tbatija serviet biex tgħaqqad lil-membri tal-parroċċa flimkien. Kulħadd ta' sehemu biex il-ħolma tal-knisja sseħħ.

Punt ieħor li għen ħafna biex il-parroċċa takkwista l-identita tagħha u tqum fuq saqajha huma l-vokazzjonijiet reliġjużi u saċerdotali li nibtu fiha. Kemm ili ngħix fil-parroċċa, jekk niftakar sew, aċċettaw is-sejħa li għamlilhom Ġesù, 23 soru, 5 patrijiet u 9 qassisin. Bħalissa (fl-1996) għandna erba seminaristi. (Tnejn minnhom sadanittant saru saċerdoti). Wara l-Mosta, il-parroċċa tagħna għandha l-akbar numru ta' seminaristi. Il-familji tal-parroċċa huma mbierka għax b'kollox hawn 52 persuna konsagrata lil Alla, li jew huma jew il-familji tagħhom joqogħdu f'din il-parroċċa ta' San Bastjan.



It-Tberik tas-Salib fuq il-Koppla fl-1980